MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 94/1979/1

Alfred Aquilina
vs
Miriam mart Nicholas Bonello u l-istess Nicholas Bonello
bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti

Illum, 6 ta' Dicembru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Jannar 1979 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur kien gharus lill-konvenuta Miriam Bonello, xebba, Schembri, ghal-erba' snin, sentejn minnhom bic-curkett;

Illi l-istess gherusija thassret htija ta' l-istess konvenuta;

Illi l-istess konvenuta ghandha f'idejha mobbli w oggetti ohra propjeta tal-attur kif ukoll l-istess attur hareg diversi ammonti ghax-xiri ta' ghamara u oggetti ohra li nxtraw bejniethom;

Illi b'konsegwenza ta' dan ir-resiliment l-attur sofra danni kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

talab li din il-Qorti :

1. tiddikjara li l-gherusija thassret unikament htija tal-istess konvenuta Miriam Bonello u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat tal-istess resiliment;

2. tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata, f'liema ammont ghandhom jigu wkoll inkluzi r-rigali tal-gherusija f'idejn l-istess konvenuta.

3. tikkundanna lill-konvenuta biex fi zmien qasir u perentorju jirritornaw lill-attur fi stat gdid kif kienu l-ghamara u l-oggetti ohra li jirrizultaw li huma propjeta tieghu;

4. u in difett tikkundannahom li jhallsu lill-attur dik is-somma li tirrappresenta l-valur tal-imsemmija oggetti u ghamara inkluz f'dan l-ammont kull debitu li jirrizulta favur l-attur wara li jsiru l-konteggi relattivi ghal dak li zborzaw il-partijiet fix-xiri taghhom.

Bl-interessi u bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-gherusija thassret tort unikament tal-attur. L-attur qieghed jintenta l-kawza odjerna proprju ghax jaf li ghandu jhallas ammont konsiderevoli ta' flus li gew mislufa lilu mill-eccipjenti u membri ohra tal-familja taghha;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-5 ta' April 1979 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Mifsud bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 1981 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Albert Libreri;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti ssollecitat lill-perit legali ghall-ahhar darba biex jipprezenta r-rapport jew jirritorna l-inkartamenti kollha;

Rat il-verbal ta' l-4 ta April 2001 mnejn jirrizulta li l-perit legali kien irritorna l-process;

Rat il-verbali tax-xhieda mismugha mill-perit legali;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenuti;

Ikkunsidrat illi:-

Mhuwiex kontestat li l-attur u l-konvenuta kienu gharajjes u li l-gherusija thassret mill-attur, izda filwaqt li l-attur jippretendi li kellu raguni valida biex jaghmel hekk, il-konvenuta ssostni li kien biss tort ta' l-attur li thassret l-gherusija. Billi l-attur qieghed jintenta din il-kawza biex jigu likwidati d-danni li allegatament sofra u biex jigu ritornati xi ghamara u oggetti ohra proprjeta` tieghu, l-ewwel indagini li trid taghmel il-Qorti hija li tezamina jekk fil-fatt l-attur kienx gustifikat jirrezilixxi l-gherusija.

Il-kawza gusta li taghti lok ghar-reziliment tal-gherusija ghandha tigi ravvisata f'ostakolu jew impediment ta' natura gravi, u jrid ikun fondat, u mprevedibbli (ara **John**

**Caruana et vs Angiolino Cilia**, 4 ta' Dicembru 1964, Vol. XLVIII.i.517). U kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Inez Barbara vs Carmel Ghigo** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Civili fil-5 ta’ Marzu 1991 (Vol. LXXV.ii.371), “dak li jikkwalifika l-gravita` tas-sitwazzjoni huwa r-rifless illi d-decizjoni li wiehed jizzewweg, cioe` l-obbligu li ghandu l-gharus jew l-gharusa, li jesegwixxi dak li jkun wieghed – in-natura tal-kuntratt imwieghed huwa tali illi rtirata minnu timponi gravita` ta’ motivazzjoni.”

L-attur jispjega l-motivazzjoni tieghu hekk fis-seduta peritali tat-8 ta' Ottubru 1979:

"Xi ftit gimghat - xi hmistax-il gurnata - qabel ma thassret l-gherusija ta' bejnietna, lill-gharusa tieghi Miriam Schembri kont innotajtilha zewg *"love-bites"* f'ghonqha, li ma kontx ghamiltilha jien, u li dwarhom tlabtha spjegazzjoni. Dakinhar ma qaltli xejn pero` qabdet tibki. Dak il-hin inqalghet kwistjoni fuq hekk bejnietna u jien bghatta 'l barra mill-bottegin. L-ghada jien kont mort id-dar ta' ommha bhas-soltu u lil ommha Antonia Schembri kont ghidtilha x'kont rajt f'ghonq l-gharusa tieghi. Din ma riditx temmen u qaltli li kienet ser tara x'gara hi.

Jumejn wara li kont tkellimt ma' Antonia Schembri omm il-konvenuta, din giet fil-bottegin u qaltli li kienet rat lil habib tieghi Nicholas Bonello jistenna lil bintha f'wiehed mill-bibien ta' l-iskola. Dan setghet tghidu ghax kienet qisitilha l-passi taghha.

L-ghada ta' dan jien mort id-dar ta' omm il-konvenuta. X'hin mort jien l-gharusa ma kenitx hemm. Kemm missier il-konvenuta u kif ukoll ommha u ohtha Suor Annunziatina bdew jippruvaw jikkonvincuni biex ma nhassarx l-gherusija minhabba fl-incident ma' Nicholas Bonello. Jien irrifjutajt li nisma' minnhom ghax ghidtihom illi la kienet kuntenta tohrog mieghu qabel ma zzewget, anke wara li tizzewweg tkun kuntenta li tohrog mieghu wkoll u ma' haddiehor ukoll.

F'hin minnhom dahlet il-konvenuta u ommha ghajtitilha biex tigi fil-kamra fejn konna qeghdin ahna. Ommha

staqsietha min kien ghamlilha dawk il-*"love-bites"* f'ghonqha u din irrispondiet li kienet ghamlithomla habiba taghha li tahdem maghha. Qbizt jien u ghidtilha "Ghaliex lili m'ghidtlix hekk meta staqsejtek?" Hi wegbitni li ma kenitx taf bihom. Hi talbitni biex ma nhassarx l-gherusija u weghdet li ma tergax taghmel hekk. Jien bqajt ninsisti li ma ridtx nirranga. Imbaghad tlaqt 'il barra. Minn dakinhar 'l hawn qatt ma dhalt ghand ommha aktar."

Nicholas Bonello msemmi mill-attur huwa l-istess konvenut f'dawn il-proceduri u li sussegwentement izzewweg lill-konvenuta. Dan kien habib ta' l-attur u kien imur ighinu fil-bottegin li l-attur kellu fil-kazin tal-futbol tas-Siggiewi. L-attur xehed ukoll li wara li hassar l-gherusiuja sabuh diversi hbieb li qalulu li huma gieli raw lill-gharusa tieghu ma' l-imsemmi Bonello izda qatt ma qalulu xejn biex ma jaqilghux *trouble*. Izda xi xahar wara li hassar, hu stess ra lill-konvenuti flimkien.

L-attur ma ressaq lil hadd minn dawn il-hbieb bhala xhieda izda huwa pproduca lil Joseph Baldacchino, li martu tigi oht il-konvenuta, li fis-seduta peritali tal-31 ta' Ottubru 1984 xehed li darba minnhom waqt li kien qieghed jaghlaq il-garaxx tieghu ta' mad-dar ra lill-konvenuta tiela' mid-direzzjoni tal-garaxx ta' Nicholas Bonello f'xil-5.30 p.m. meta kien diga` dalam. Huwa saqsiha mnejn kienet gejja u wegbitu: "Gejja minn hawn wara". Saqsiha minn fejn u wegbitu: "Minn fejn il-garages". Huwa qal li fejn il-garages hemm ukoll postijiet izda t-triq ma tinfidx. L-ghada filghodu certu Carmelo Pace li jigi z-ziju ta' omm il-konvenuta qallu biex imur mieghu d-dar ta' omm il-konvenuta ghaliex kienet inqalghet stragi. Mar u sab lil omm il-konvenuta tibki u mbengla. Saqsiha x'gara u hi wegbitu li bintha kienet hassret ghaliex riedet tohrog ma' Nicholas Bonello. Dak il-hin il-konvenuta kienet imsakkra fil-kamra tal-banju u ma riditx tohrog. Filghaxija huwa rritorna u ralha rdiegh f'ghonqha fi tliet postijiet.

Issa huwa interessanti li jigi notat li meta l-konvenuta xehdet l-ewwel darba minn jeddha fis-seduta peritali tal-25 ta' April 1983, hija ma kkontradixxiet xejn minn dak li kien qal l-attur u in effetti llimitat ruhha biex tixhed dwar xi

rigali, dwar xoghol ta' ghamara u dwar self maghmul lill-attur. Kien biss fis-seduta peritali tas-6 ta' Lulju 1987 in kontro-ezami li cahdet li hija kienet tohrog ma' Nicholas Bonello qabel ma thassret l-gherusija. Hija qalet li l-attur "kien allega f'xi zmien li jien kelli wicc haddiehor. Naf li l-gherusija thassret b'daqshekk u meta ghidtlu biex igibli l-provi hu qalli li mbaghad taqtaghha l-Qorti". Fl-ahhar tad-depozizzjoni taghha, ovvjament b'risposta ghal domanda li saritilha fir-rigward, hija qalet: "Naqbel li l-attur dakinhar li hassarna allega li kelli love bites f'ghonqi". Pero` ma tichadx li kellha dawn il-*"love bites"*! U ma jistax lanqas ma jigix enfasizzat li anke Antonia Schembri, omm il-konvenuta, fix-xiehda taghha moghtija fis-seduta peritali ta' l-14 ta' April 1986, ma tghid xejn dwar dak li wassal ghat-thassir ta' l-gherusija.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi jidher li l-attur kellu raguni valida biex ihassar l-gherusija u ma jidhirx li l-attur ghamel xi tort lill-konvenuta. L-atteggjament tal-konvenuta lejn l-attur meta osservalha l-*love bites* ma kienx konsonanti ma' dak ta' persuna li m'ghandha xejn x'tahbi. Sija jekk bdiet tibki (kif xehed l-attur) sija jekk qaltlu biex igib il-provi (kif qalet hi), wiehed kien jistenna li hija taghmel cahda kategorika u taghti minnufih spjegazzjoni plawsibbli. Il-fatt li aktar tard talbet lill-attur biex ma jhassarx l-gherusija (kif xehed l-attur) fil-fehma tal-Qorti kien biss rizultat ta' pressjoni li saritilha mill-familjari taghha, partikolarment il-genituri taghha. Omm l-attur, Marlene Aquilina, xehdet kif missier il-konvenuta u r-ragel ta' ohtha marru ghandha u missier il-konvenuta ndika li ried li binha u bintha jizzewgu malajr. L-iskuza li l-konvenuta gabet li l-*love bites* kienet ghamlithomlha habiba taghha li tahdem maghha zgur ma setghetx tittiehed bis-serjeta` mill-attur. Bil-komportament taghha ghalhekk il-konvenuta wriet lill-attur li huwa ma setax ikompli jirriponi fiha l-fiducja li hija tant mehtiega f'relazzjoni li kienet se twassal ghaz-zwieg. Iz-zmien jidher li ta ragun lill-attur peress li filwaqt li l-gherusija thassret fi Frar 1978, hija zzewget lill-konvenut fit-28 ta' Ottubru 1978 u kellhom tifla li twieldet tliet xhur wara, fis-26 ta' Jannar 1979 (ara xiehda tal-konvenuta).

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-gherusija thassret unikament htija tal-konvenuta u se tghaddi biex tikkunsidra t-talbiet l-ohra konsegwenzjali.

Dwar id-danni li qieghed jippretendi, l-attur xehed li meta tgharsu qalghu diversi rigali li kollha baqghu ghand il-konvenuta. L-ghamara tal-kamra tas-sodda hadmuha hu u siehbu. Hu xtara l-materjal bi flusu. Lil siehbu halsu hu u xi haga l-konvenuta izda wara li hassru l-gherusija l-konvenuta marret ghand siehbu u gabret l-ircevuta ta' dak li kien halsu. Il-kcina hadimha hu u kien fadallu biss xi kxaxen u l-*hanging cupboard*. Il-materjal xtrah hu. Ghalkemm qal li se jghid kemm nefaq ghall-kcina, huwa baqa' ma qal xejn. Meta l-attur xehed in kontro-ezami rega' qal li l-materjal ghall-kamra tas-sodda kien ihallas ghalih hu izda, kuntrarjament ghal dak li kien xehed qabel, stqarr li lil siehbu fil-fatt ma kien tah l-ebda flus u li ta' xi materjal li nxtara fl-ahhar (il-lostru, il-pumi u xi njam) u ta' idejn siehbu kienet halset il-konvenuta. In kwantu r-rigali li qalghu fl-gherusija, l-attur esebixxa lista ta' dawk ir-rigali li rcevew minghand il-familjari tieghu (Dok. E). Rigward ic-crieket ta' l-gherusija qal li dawn xtrathom it-tnejn omm l-gharusa.

Il-konvenuta stqarret li r-rigali kollha li kienu qalghu fl-gherusija ghadhom ghandha. Setghet tiftakar biss li omm l-attur kienet tathom linfa u z-zija tieghu zewg *lampshades* parigg. Izda qalet li jekk l-attur jipproduci lista tkun tista' tivverifikahom. Kif ntqal fil-paragrafu precedenti, l-attur esebixxa lista dettaljata (Dok. E) li dwarha l-konvenuta ma qalet xejn. Dwar il-kamra tas-sodda qalet li l-attur xtara l-injam bi flus taghha u hu u siehbu hadmuha flimkien. Il-flus ta' idejn siehbu zburzathom hi wkoll. Il-kamra tas-sodda baqghet ghandha. Dwar il-kcina kkonfermat li l-attur lehaq hadem parti minnha u li l-materjal xtrah hu. Ziedet tghid li sa fejn taf hi ma gitux mitt lira dak iz-zmien. Il-kcina baqghet ukoll fil-post.

Minn dan kollu l-Qorti tista' tikkonkludi li dwar ir-rigali elenkati mill-attur m'hemm l-ebda kontestazzjoni, dwar il-kamra tas-sodda ghandu jigi kkumpensat tax-xoghol li ghamel fuqha, u dwar il-kcina ghandu jigi kkumpensat ta'

xi spejjez u tax-xoghol li lehaq ghamel. Dwar l-ispejjez li ghamel ghall-kcina, l-attur baqa' ma ta l-ebda indikazzjoni ta' x'nefaq u l-unika ndikazzjoni hi moghtija mill-konvenuta stess li tghid li sa fejn taf hi ma gitux mitt lira. Ghalhekk, mehudin dawn ic-cirkostanzi kollha, inkluz il-prezzijiet fiz-zmien meta sar ix-xoghol in kwistjoni, il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont komplessiv ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300) biex ikopri l-ispejjez li seta' ghamel u x-xoghol ta' idejh. In kwantu r-rigali, dawn ghandhom jigu ritornati lilu mill-konvenuti fl-istat pristinu taghhom u fin-nuqqas ihallsuh is-somma ta' mija u erbgha u tmenin liri Maltin (Lm184).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-gherusija thassret unikament htija tal-konvenuta,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300),
(3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dan l-ammont likwidat ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300),
(4) tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien hmistax-il gurnata millum jirritornaw lill-attur fi stat gdid l-oggetti kollha elenkati fid-Dok. E fuq imsemmi, u
(5) fin-nuqqas tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' mija u erbgha u tmenin liri Maltin (Lm184) valur ta' l-istess oggetti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------